MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-22 ta' Ottubru, 2012

Numru. 41/2012

**-Pulizija**
**(Spettur Ramon Mercieca)**

**Vs**

**Derrin (Edward) Fenech ta' 38 sena, iben Alfred u Maria Concetta nee` Vella, imwieled Pieta` fit-12/03/1973 u residenti gewa fond bin-numru 7, "St. Rita", Triq il-Kbira, Zebbug (Malta), detentur tal-Karta ta' l-Identita` numru 144473(M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba fil-konfront tal-imputat li gie akkuzat talli:

1. Talli fil-lejl ta' bejn id-19 u l-20 ta' Gunju 2010 gewwa dawn il-Gzejjer ikkommetta serq ta' vettura ta' l-ghamla Fiat Punto bin-numru tar-registrazzjoni DBJ201 ghad-dannu ta' Charmaine Deguara minn Hal Qormi,

liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-hin, bix-xorta tal-haga misruqa u bil-valur li jeccedi, elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37Ewro), u dan bi ksur tal-artikolu 261(b)(c)(f) u (g), 263(a), 267, 270, 271(g) u 279(b) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta’ Malta;

2. U aktar talli fil-lejl ta’ bejn id-19 u l-20 ta’ Gunju 2010 gewwa dawn il-Gzejjer ikkommetta serq ta’ vettura tal-ghamla Fiat Punto bin-numru ta’ registrazzjoni DBJ201 ghad-dannu ta’ l-istess Charmaine Deguara minn Hal-Qormi, bil-hsieb biss li jaghmel uzu minnha u iroddha minnufih u dan bi ksur tal-Kapitolu 65;

3. U aktar talli fl-istess lejl u cioe bejn id-19 u l-20 ta’ Gunju 2010 gewwa dawn il-Gzejjer b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni, jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew fil-professjoni tieghu jew b’nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti, ikkaguna il-mewt ta’ Josette Saliba minn Haz-Zabbar bi ksur ta’ l-artikolu 225 tal-Kap 9, tal-Ligijiet ta’ Malta;

4. U aktar talli fl-istess lejl u cioe bejn id-19 u l-20 ta’ Gunju 2010 gewwa dawn il-Gzejjer ta kagun ghal mewt tal-imsemmija Josette Saliba minn Haz-Zabbar minnufih wara li kkommetta is-serq waqt li harab mill-post fejn is-serq u dan bi ksur ta’ l-artikolu 226A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

5. U aktar talli, fil-lejl ta’ bejn id-19 u l-20 ta’ Gunju 2010 gewwa dawn il-Gzejjer, b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b’nuqqas ta’ tharis ta’ regolamenti, ikkaguna hruq, jew ghamel xi hsara jew hassar jew gharraq xi haga u cioe` fuq vettura tal-ghamla Fiat punto b’numru tar-registrazzjoni DBJ201 ghad-dannu ta’ l-istess sid Charmaine Deguara minn Hal Qormi u fuq il-faccata

tal-propjeta` tal-hanut “Marchese”, li jinsab fi Triq il-Kbira San Guzepp, Hamrun ghad-dannu tas-sidien u cioe Noella Briffa u persuni ohra, u dan bi ksur tal-Artikolu 328(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

6. U aktar talli, fil-lejl ta’ bejn id-19 u l-20 ta’ Gunju 2010 gewwa dawn il-Gzejjer, saq vettura b’numru tar-registrazzjoni DBJ201, b’nuqqas ta’ kont, b’manjiera perikoluza u traskurata u dan bi ksur tal-Artikolu 15(1)(a)(3) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ghaldaqstant il-Qorti hija mitluba li f’kaz ta’ htija tissospendi lil Malvin Catania milli jzomm kwalunkwe xorta ta’ licenzja tas-sewqan.

7. U aktar talli fil-lejl ta’ bejn id-19 u l-20 ta’ Gunju 2010 gewwa dawn il-Gzejjer saq vettura b’numru tar-registrazzjoni DBJ201, minghajr ma kellu licenzja tas-sewqan mahruga mill-Awtorita kompetenti u dan bi ksur tal-Artikolu 15(1)(a)(3) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta’ Malta.

8. U aktar talli fil-lejl ta’ bejn id-19 u l-20 ta’ Gunju 2010 gewwa dawn il-Gzejjer saq vettura b’numru tar-registrazzjoni DBJ201 b’sewqan eccessiv u dan ai termini tal-Artikolu 217 tal-LS 65.11.

9. U aktar talli fil-lejl ta’ bejn id-19 u l-20 ta’ Gunju 2010 gewwa dawn il-Gzejjer saq vettura b’numru tar-registrazzjoni DBJ201 u b’hekk ma kienx kopert b’polza ta’ sigurta dwar terzi persuni, u dan bi ksur tal-Artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat il-kunses tal-Avukat Generali sabiex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputat ghall-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputat inghata zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess;

Semghet lil parte leza Charmaine Deguara u lil Noella Briffa jirrinunzjaw ghall-azzjoni kriminali fil-konfront tal-imputat;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammisjoni maghmulha mill-imputat l-Qorti ser issib htija fir-rigward tat-3, 4, 6, 7, 8 u 9 akkuzi migjuba fil-konfront tieghu. Illi fir-rigward tal-1, 2 u 5 akkuzi l-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-istess billi dawn gew rinunzjati mill-parte leza u cioe` oht l-imputat Charmaine Deguara a tenur tal-artikolu 332 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u Noella Briffa a tenur tal-proviso ghall-artikolu 328(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat, ir-rinunzji tal-parte leza u fuq kollox il-fatt illi omm il-vittma Josette Saliba hafret lill-imputatghal dan l-incident sfortunat.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 225, 226, 328(d) u l-proviso tieghu, 332 u 17(h) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, 15(1)(a)(3) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta’ Malta u Regolament 122 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 565.11 u l-artikoli 3 tal-Kapitolu 104 tal-Ligjiet ta’ Malta filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-1, 2, 5 akkuza issib lill-imputat hati tal-kumplamen u tikkundanna lill-imputat ghal sentejn prigunerija liema perjodu ta’ prigunerija fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u

b'applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigi sospiz ghal zmien erba' (4) snin mil-lum.

Il-Qorti qed tipprojbixxi lill-imputat milli jikseb licenzja tas-sewqan ghal zmien sena mil-lum.

Wara li rat l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Matla tordna lill-hati ihallas is-somma ta' elfejn sitt mija tmienja u tletin euro u hamsin centezmu (€2,638.50) lir-Registratur tal-Qorti fi zmien tlett (3) snin mil-lum.

Il-Qorti qed twissi lill-hati skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Finalment il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza flimkien mal-atti tintbaghat lill-Avukat Generali skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------